


Malta Freeport Terminals hu impenjat bis-sħiħ biex isegwi l-ogħla livelli fil-qasam tal-immaniġġjar ambjentali tant li s-sena l-oħra ġie mogħti ċ-ċertifikat internazzjonali **ISO 45001 u ISO 14001.** Dan hu l-ogħla livell li wieħed jista' jilħaq f'sistema integrata ta' Saħħa u Sigurtà u tal-immaniġġjar ambjentali.

**Il-bżonnijiet tal-komunità ta' Birżebbuġa għandhom importanza kbira għall-Malta Freeport Terminals u l-Freeport kontinwament qed jieħu diversi miżuri biex inaqqas l-impatt li l-operat tiegħu jista' ikollu fuq l-ambjent. L-inizjattivi li qed tieħu l-kumpanija komplew iħallu riżultati pożittivi u huwa ta' pjaċir għalina li naqsmu magħkom xi wħud mill-kisbiet ewlenin.**

malta freeport

Ir-residenti ta' Birżebbuġa għandhom inqas tniġġis fl-arja minħabba regolamenti tal-*IMO* 2020 li kienu nfurzati mill-1 ta' Jannar 2020 fejn il-vapuri kollha jridu jużaw *fuel* b'kontenut ta' **kubrit baxx ta' mhux aktar minn 0.5%** meta mqabbel mal-livell preċedenti ta' 3.5%. Barra minn hekk l-użu tal-*LNG* (*Liquified Natural Gas*) bħala *fuel* qed jikseb aktar popolarità f'konformità mal-istrateġija tal-*IMO* għall-2050 bl-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet fil-baħar b'50 fil-mija, filwaqt li jitkomplew l-isforzi biex jitneħħew għal dejjem.

L-akbar vapuri fid-dinja li jaħdmu bl-*LNG* li jġorru 23,000 *TEUs* qed jidħlu regolarment fil-port wara li l-Freeport intgħażel mis-CMA CGM sabiex joperaw is-servizz prestiġjuż tagħhom il-*French Asia Line*. Dan is-servizz jgħaqqad l-Ewropa ma' l-Asja kull ġimgħa. Is-sena li għaddiet, il-Freeport laqa' l-ewwel vapur ta' din ix-xorta, is-CMA CGM Jacques Saade.

**Minħabba li dawn il-vapuri jaħdmu bl-LNG jużaw enerġija nadifa li s'issa hu kkunsidrat bħala l-inqas *fuel* li jniġġes, tant li mqabbel ma' vapuri li jaħdmu bil-*fuel* konvenzjonali l-emissjonijiet tas-$CO_2$ fl-atmosfera jonqsu sa massimu ta' 20%. Barra minn hekk il-partiċelli fl-arja huma 99% inqas, l-emissjonijiet tal-kubrit ukoll jonqsu b'99% waqt li l-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu jonqsu b'85%.**





Investiment ta' €20 miljun f'żewġ krejnijiet ta' fuq il-moll li se jissostitwixxu żewġ krejnijiet qodma. Dawn se jkunu mgħammra bl-aħħar teknoloġija u b'*features* li jnaqqsu l-impatt ambjentali. Barra minn hekk qed isir investiment kontinwu f'diversi tagħmir mill-aktar avvanzat li għandu *standards* aktar nodfa għall-ambjent.






Il-Freeport investa €31 miljun fi ħmistax-il krejn li jintużaw fil-bitħa magħrufa bħala *Rubber-Tyred Gantry Cranes (RTGs)* li huma mgħammra b'teknoloġija avvanzata li jnaqqsu l-konsum ta' l-enerġija u qed itejbu l-livell tal-arja filwaqt li joffru aktar sigurtà fix-xogħol. Dawn il-krejnijiet, li ssostitwew RTGs qodma, huma mgħammra b'*alarms* li huma konsiderevolment aktar kwieti meta mqabbla ma' l-*alarms* konvenzjonali. Din it-teknoloġija avvanzata ġiet installata wkoll fuq il-45 *RTGs* eżistenti biex il-krejnijiet tal-bitħa kollha issa huma mgħammra b'dawn l-*alarms* u qed inaqqsu t-tniġġis mill-istorbju b'mod sinifikanti.



Biex titnaqqas il-qawwa tad-dawl fit-*Terminals* inbidel id-dawl fuq *Terminal One* viċin ir-residenti ta' Birżebbuġa għal *full cut-off* kif ukoll ġie aġġustat id-dawl ta' *Terminal Two*. Il-Freeport qed ikompli jinvesti f'dan it-tip ta' dawl.



2013



2016



Dan l-aħħar il-kumpanija installat sistema ta' pannelli fotovoltajċi fuq l-uffiċini, l-imħażen, iż-żewġ parkeġġi u l-*mustering building*. Dawn il-pannelli huma mifruxa fuq medda ta' 2.43 MW li jiġġeneraw aktar minn 3,600 MW fis-siegħa ta' enerġija fis-sena. Dan hu ekwivalenti għal tnaqqis ta' aktar minn 2,000 tunnellata ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ fis-sena. L-iktar benefiċċju importanti tal-pannelli hu li l-enerġija solari hija sors ta' enerġija rinnovabbli mingħajr ebda tniġġis ambjentali.



L-asfaltar fit-*Terminals*, speċjalment f'żoni viċin il-lokalità ta' Birżebbuġa, qed isir minn taħlita partikolari tat-toroq biex il-ħsejjes tal-operat jitnaqqsu.



Il-Freeport investa f'ilqugħ ta' 300 metru b'valur ta' €30,000 biex jitpoġġa madwar *Pretty Bay*. Dan qed jipproteġi l-bajja u l-għawwiema minn kwalunkwe tixrid aċċidentali ta' materjal li jista' jagħmel ħsara lil din il-bajja.




Inxtraw tliet karrijiet li saru speċifikament biex jikkontrollaw it-tixrid ta' materjal mill-kontejners.



Ninkoraġġixxu l-importanza tas-separazzjoni tal-iskart kif ukoll il-bżonn li jkun iġġenerat anqas skart fl-operat tagħna. Ta' kull sena nipparteċipaw ukoll fil-'*European Week for Waste Reduction*'.

Tħawwil ta' siġar u pjanti ġewwa diversi żoni f'Birżebbuġa jsir b'mod regolari. Din l-attività tkun koordinata mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa. Jiġu organizzati wkoll attivitajiet ta' tindif ġewwa Birżebbuġa mill-impjegati tal-Freeport flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, il-Malta Freeport Corporation u l-istituzzjonijiet li nappoġġjaw.



L-iżviluppi fl-implimentazzjoni tas-sistema tal-immaniġġjar tal-ambjent fil-Freeport hi diskussa kontinwament mill-*Environment Monitoring Committee*. Dan il-kumitat hu magħmul mill-Malta Freeport Terminals, flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, l-*NGO* lokali ta' Birżebbuġa BEAG, il-Malta Freeport Corporation, l-awtoritajiet lokali tal-ambjent (ERA) u Transport Malta.



















Ingħataw kważi
**miljun ewro**
matul is-snin f'għajnuna finanzjarja lil numru ta' istituzzjonijiet f'Birżebbuġa fosthom:

- Kunsill Lokali
- Il-Proġett tal-i*Skatepark*
- L-iskema tad-*Double Glazing*
- L-iskola Primarja San Benedittu
- Parroċċa ta' San Pietru fil-Ktajjen
- Aquatic Sports Club
- Regatta Club
- Sailing Club
- St Peter's F.C.
- Windmill Football Nursery
- Soċjeta Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990
- Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen Birżebbuġa
- Għaqda Storja u Kultura
- Southern Area Velocity Pigeon Club



Barra minn hekk il-Freeport jagħti għajnuna finanzjarja biex ikun offrut servizz ta' transport b'xejn għad-*Day Care Centre* ta' Birżebbuġa. Dan is-servizz qed jippermetti lir-residenti anzjani jissoċjalizzaw ma' xulxin b'mod iktar regolari filwaqt li jkollhom ħarġa kulturali kull xahar. Sfortunatament dan is-servizz ġie temporanjament sospiż minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

**Malta Freeport Terminals se jkompli jaħdem mal-awtoritajiet kollha kkonċernati biex jitwettqu proġetti oħra li jikkumplimentaw l-istrateġija ħolistika għal Birżebbuġa li permezz tagħhom tkompli tgawdi l-Komunità ta' Birżebbuġa.**

## Miżuri oħra li qed jittieħdu

**Qed jiġi żviluppat parkeġġ b'kapaċità ta' 450 spazju għall-karozzi fuq tliet sulari b'investiment ta' €3.2 miljun mill-Gvern permezz tal-Malta Freeport Corporation għall-użu kemm tar-residenti ta' Birżebbuġa kif ukoll tal-ħaddiema tal-Freeport. Dan l-iżvilupp huwa kruċjali għal din iż-żona u se jikkumplimenta l-proġett ta' tisbieħ f'Birżebbuġa li se jservi bħala post ta' rekrejazzjoni għall-komunità.**

---

**Tnediet skema ta' għajnuna finanzjarja oħra b'valur ta' nofs miljun ewro li minnha se jibbenifikaw madwar 250 familja biex ir-residenti ta' Birżebbuġa jkunu jistgħu jibdlu l-aperturi tagħhom għal *double glazing*. Din se tkun iffinanzjata mill-Malta Freeport u immaniġġjata mir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS). Kienet diġà tnediet skema bħal din ftit ta' żmien ilu fejn gawdew ir-residenti ta' madwar erbgħin triq f'Birżebbuġa, li wkoll ġiet iffinanzjata mill-Malta Freeport u l-Gvern.**

---

**Il-Gvern se jinvesti €12-il miljun f'proġett tal-*Onshore Power Supply* (*OPS*) fejn fil-Freeport se tiġi installata s-sistema tal-elettriku mill-art għall-vapuri li jittrakkaw fil-port. Dan se jkun qed ifisser arja aktar nadifa għar-residenti ta' Birżebbuġa.**



# Kompetizzjoni

Intom mitluba tibagħtulna suġġerimenti nnovattivi ta' riċiklaġġ jekk tridu tieħdu sehem f'din il-kompetizzjoni. Ġentilment ibagħtu din l-informazzjoni lid-Dipartiment tal-*Marketing* fuq marketing@maltafreeport.com.mt jew lill-Malta Freeport Terminals, Freeport Centre, Port ta' Marsaxlokk, Kalafrana BBG3011 sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2021.

It-tliet rebbieħa li se jintgħażlu mill-Malta Freeport Terminals, flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa jirbħu *vouchers* ġentilment mogħtija lilna minn Hilton Malta, db San Antonio Resort + Spa u The Embassy Valletta Hotel.




malta freeport

Tel: (356) 2225 1000
Email: marketing@maltafreeport.com.mt
www.maltafreeport.com.mt